# QORTI ĊIVILI

**(Sezzjoni Familja)**

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum, it-Tlieta**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru 2022**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 180/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Sabrina Sauerborn**
**(ID 63548A)**

**Vs**

**Philipp Maria Nikolaus Sauerborn**
**(ID 63546A)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat fit-30 ta' Settembru 2022 minn Sabrina Sauerborn kontra ir-raġel tagħha Philipp Maria Nikolaus Sauerborn fejn talbet lil dina l-Qorti sabiex iżżomm lill-intimat milli:

   *Bħala l-uniku direttur, illi allura waħdu jirrappreżenta lis-soċjeta' DWP MALTA LIMITED C-59815, jagħti l-kunsens tiegħu bil-mod maħsub mil-Liġi u fl-istatut ossija Memorandum and Articles of Association tal-imsemmija soċjeta' DWP MALTA LIMITED C-59815 biex isir il-bejgħ, it-trasferiment jew xort'oħra, b'liema titolu jkun jgħaddi, lit-terzi l-assjem ta' klijenti, ossija l-portfolio, tal-imsemmija soċjeta' DWP MALTA LIMITED jew xort'oħra bħala l-persuna li tikkontrolla, direttament u/jew indirettament, kif hawn taħt spjegat, l-isħma tal-imsemmija soċjeta', jippermetti illi ħaddieħor, għan-nom tal-istess soċjeta', jbiegħ, jittrasferixxi jew xort' oħra b'liema titolu, jkun jgħaddi lit-terzi l-assjem ta' klijenti, ossija l-portfolio, tal-imsemmija soċjeta' DWP MALTA LIMITED.*

2. Rat illi fit-30 ta' Settembru 2022, il-Mandat ta' Inibizzjoni ġie milqugħ provviżorjament filwaqt illi appuntatu għas-smigħ għall-20 ta' Ottubru 2022.

3. Rat ir-risposta ippreżentata minn Philipp Sauerborn fit-18 ta' Ottubru 2022.

4. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-intimat flimkien mal-Mandat ta' Inibizzjoni, ossija:

   (1) '*Company Details'* tas-soċjeta' DWP Malta Limited, li turi li ġiet reġistrata fis-26 ta' Marzu 2013.

   (2) Form T datata 18 ta' Ġunju 2019, fejn is-soċjeta' Sauerborn & Sauerborn inkorporata ġewwa Hong Kong trasferiet 1,199 ishma fis-soċjeta' DWP Malta Limited lil Sauerborn & Sauerborn LP reġistrata ġewwa ir-Renju Unit.

   (3) Form T datata 2 ta' Lulju 2019 u effettiva mis-26 ta' Ġunju 2019 fejn is-soċjeta' Sauerborn & Sauerborn LP reġistrata ġewwa r-Renju Unit trasferiet 1,199 ishma fis-soċjeta' DWP Malta Limited lil DWP Holding Limited.

   (4) '*Involvements'* tas-soċjeta' DWP Holdings Ltd, li turi illi Philipp Sauerborn huwa Direttur, u rappreżentant legali uniku tas-soċjeta' DWP Holdings Ltd, li tagħha l-unika azzjonista hija s-soċjeta' Sauerborn & Sauerborn LP reġistrata ġewwa r-Renju Unit.

   (5) Digriet datat 9 ta' Marzu 2022 f'Mandat ta' Inibizzjoni Nru 32/2022 ippreżentat fl-14 ta' Frar 2022 fl-istess ismijiet.

5. Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2022, il-Qorti ppermettiet lill-abbli konsulenti legali tal-partijiet sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bl-Ingliż, bl-intiża ċara illi l-proċeduri odjerni, madanakollu, ser ikunu bil-lingwa uffiċjali tal-Qorti, il-Malti.

6. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fl-20 ta' Ottubru 2022.

## Ikkunsidrat

7. Jirriżulta mhux ikkontestat illi l-partijiet iżżewwġu ġewwa Malta f'Mejju tas-sena 2016.

8. Jirriżulta mhux ikkontestat wkoll illi s-soċjeta' **DWP Holding Limited**, bin-Numru ta' Reġistrazzjoni C-92359, ġiet kostitwita fis-**26 ta' Ġunju 2019**, jiġifieri waqt illi kienu miżżewġin il-partijiet.

9. Jirriżulta mhux ikkontestat ukoll illi l-intimat Philipp Sauerborn, huwa l-uniku direttur tas-soċjeta' DWP Malta Limited, bin-numru ta' Reġistrazzjoni C-59815.

10. Jirriżulta mhux ikkontestat ukoll illi l-intimat Philipp Sauerborn, huwa azzjonist tas-soċjeta' Sauerborn & Sauerborn LP, reġistrata ġewwa r-Renju Unit, preċiżament ġewwa l-Iskozja, illi sa issa tifforma parti mir-Renju Unit.

11. Jirriżulta illi fil-present il-partijiet għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali f'kawża fl-istess ismijiet tal-Mandat odjern, Rikors Ġuramentat Nru 114/22 AGV.

12. Jirriżulta illi r-rikorrenti tikkontendi illi d-dħul tal-partijiet ġie kważi esklussivament mis-soċjeta' DWP Malta Limited, liema soċjeta' hija propjeta tas-soċjeta' DWP Holding Limited u li hija mmexxija unikament mill-intimat Philipp Sauerborn.

13. Jirriżulta illi r-rikorrenti tikkontendi illi l-intimat, bħala l-unika direttur u uffiċjal tas-soċjeta' DWP Malta Limited, beda jgħaddi x-xogħol tas-soċjeta' lill-soċjeta' oħra, bl-isem ta' DW&P Services Limited, u dana qed iwassal sabiex is-soċjeta' DWP Malta Limited ma jkollhiex aktar introjtu.

**Ikkunsidrat**

14. Kif ġia osservat aktar 'il fuq, ma jirriżultax ikkontestat illi s-soċjeta' DWP Holdings Limited ġiet iffurmata u reġistrata fis-sena 2019 waqt illi kienet għaddejja r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet riżultat taż-żwieġ tagħhom li seħħ tlett snin qabel, fis-sena 2016.

15. Ma jidhirx ikkontestat wkoll illi s-soċjeta Sauerborg & Sauerborn LP reġistrata ġewwa ir-Renju Unit, sas-26 ta' Ġunju 2019 kienet l-unika azzjonista tas-soċjeta' DWP Malta Limited, liema ishma hija kienet akkwistat mingħand is-soċjeta' Sauerborn & Sauerborn Ltd, din id-darba reġistrata ġewwa Hong Kong, fit-18 ta' Ġunju 2019, ossija anqas minn ġimgħatejn qabel.

16. Ma jidhirx ikkontestat wkoll illi, fis-26 ta' Ġunju 2019, is-soċjeta' Sauerborn & Sauerborn LP reġistrata ġewwa r-Renju Unit biegħet ishma tagħha fis-soċjeta' DWP Malta Limited, lis-soċjeta' DWP Holding Limited, f'liema soċjeta', iżda, is-soċjeta' Sauerborn & Sauerborn LP għandha l-ishma kollha.

17. Jidher, għalhekk, illi fis-26 ta' Ġunju 2019, is-soċjeta' Sauerborn & Sauerborn LP biegħet l-ishma tas-soċjeta' DWP Malta Limited lilha nnifisha, iżda din id-darba jidhru f'isem DWP Holdings Limited flok f'isimha.

18. Jidher ċar illi dawna r-raġġiri kollha u trasferimenti kollha saru lkoll waqt illi l-partijiet odjerni kienu miżżewġin, u ma nġiebet ebda prova illi ma kinetx teżisti l-komunjoni tal-akkwisti.

19. Jirriżulta, għalhekk, illi r-rikorrenti għandha, fuq bażi *prima facie*, interess fl-operat tas-soċjeta' DWP Malta Limited, u għalhekk, la darba hija mhijiex f'posizzjoni illi tagħmel il-verifiki tagħha stante illi l-kontroll tas-soċjeta' DWP Malta Limited huwa unikament f'idejn Philipp Sauerborn, dak ifisser illi l-istess Philipp Sauerborn, fil-posizzjoni tiegħu ta' direttur uniku tas-soċjeta' DWP Malta Limited, huwa f'posizzjoni illi jieħu deċiżjonijiet illi jistgħu b'xi mod jippreġudikaw l-assjem tal-assi illi kellhom il-partijiet flimkien u li, għalhekk l-interessi tar-rikorrenti jistgħu jiġu ppreġudikati wkoll.

**Ikkunsdrat**

20. Kif intqal fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16 LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-

elementi rikjesti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

*(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*

*(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ, il-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*

*i. Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R. Micallef:*

*ii. "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

*i. "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*ii. Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda*

*biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

iii. *Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta'inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u minn naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

iv. *Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

(4) *Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

i. *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

(5) *"Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni*

*jinbidel f'arma bħal din." Ara* ***Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti****, Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

(6) *Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

**Konsiderazzjoni finali**

21. Tenut kont ta' dak fuq kif fuq deskritt, u r-raġġiri kollha li seħħew f'trasferimenti varji illi din il-Qorti m'hijiex ser tinoltra ruħha fihom, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet legali fuq deskritti, jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti w it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi r-rikorrenti għandha *prima facie* dritt x'jitħares, ossija li l-jeddijiet li tippossjedi bħala kompropretarja tal-komunjoni tal-akkwisti fuq is-soċjetajiet fuq imsemmija.

22. Għalhekk it-talba kif minnha mressqa timmerita illi tiġi akkordata.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fit-30 ta' Settembru 2022 billi:

**Tilqa'** t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif propost.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku ta' l-intimati.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**